Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Ġunju 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 544/07 GV fl-ismijiet Ballut Blocks Services Limited C 8360 vs Falzon Paul, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12,

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Mejju 2007, Ballut Blocks Services Limited (C 8360) u John Vella ID 275028M esponew bir-rispett u talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni;

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' ħamest elef tnejn u għoxrin Lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu Lm5,022.58 (€11,699.46) rappreżentanti prezz ta' materjal tal-bini, mibjugħ u konsenjat lill-konvenut kif premess;

Bl-ispejjeż, oltre l-imgħaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni tiegħu.

Notifika: 'Karmar Court', Flat 3, Triq Ta' Nawċiera, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Numru 544/07 GV, fl-ismijiet Ballut Blocks Services Limited C 8360 vs Falzon Paul jinsab differit għall-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 6th June 2007, in the records of the Sworn Application Number 544/07 GV, in the names Ballut Blocks Services Limited C 8360 vs Falzon Paul ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court on the 18th May 2007, Ballut Blocks Services Limited (C 8360) and John Vella ID 275028M pleaded with respect and asked this Honourable Court so that saving any necessary declaration and the opportune provisions;

1. It decides this cause without proceeding to a hearing for the purposes of Article 167 to 170 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

2. Condemn the defendant to pay the plaintiff company the amount of five thousand and twenty two Maltese Liri and fifty eight cents Lm5,022,58 (€11,699.46) representing price of building material sold and delivered to the defendant as premised;

With costs, besides legal interest till the date of effective payment against the defendant from now summoned so that a reference to his evidence be made.

Service: 'Karmar Court', Flat 3, Nawċiera Street, St. Paul's Bay.

The Application Number 544/07 GV, in the names Ballut Blocks Services Limited C 8360 vs Falzon Paul has been put off to the 10th October 2007, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1022

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 562/07 FS, fl-ismijiet Relton Brian John vs Relton Alexandra sive Sandra, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Brian John Relton (ID 364563M) vs Alexandra sive Sandra Relton (ID 351864M) fil-21 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti Brian Relton espona bir-rispett u talab lil din l-Onorabbli Qorti:

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 12th June 2007, in the records of the Application Number 562/07 FS, in the names Relton Brian John vs Relton Alexandra sive Sandra, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court in the names Brian John Relton (ID 364563M) vs Alexandra sive Sandra Relton (ID 351864M) on the 21st May 2007, the applicant Brian Relton pleaded with respect and asked this Court:

1. Tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ skond l-Artikolu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

2. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' ħamest elef mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu Lm5,174.54 (€12,053.44) oltre l-imgħax ta' 4% mill-1 ta' Marzu 2007, sad-data tal-preżentata tal-preżenti.

Bl-imgħax fuq is-somma ta' ħamest elef mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija u erbgħa u ħamsin ċenteżmu Lm5,174.54 (€12,053.44) mill-preżentata sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Konvenut: Adelina, No 2, Swieqi Road, Swieqi.

Ir-Rikors numru 562/07 FS, fl-ismijiet Relton Brian John vs Relton Alexandra sive Sandra jinsab differit għall-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. To proceed without a hearing according to Article 167 to 170 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

2. Condemn the defendant to pay the plaintiff the sum of five thousand one hundred and seventy four Maltese Liri and fifty four cents Lm5,174.54 (€12,053.44) besides interest at 4% from the 1st March 2007, till the date of the filing of the present.

With interest on the sum of five thousand one hundred and seventy four Maltese Liri and fifty four cents Lm5,174.54 (€12,053.44) from the date of filing till the date of effective payment and with costs, against the defendant who is from now summoned so that a reference to her oath be made

List of Witnesses.

List of Documents.

Defendant: Adelina, No. 2, Swieqi Road, Swieqi.

The Application number 562/07 FS, in the names Relton Brian John vs Relton Alexandra sive Sandra has been put off to the 10th October 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1023

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1085/06 FS, fl-ismijiet Is-Soċjetà Combinati Transport Services Limited C 19237 vs Is Soċjetà Superfruits Limited C 37273 et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta Super Fruits Limited, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Is-Soċetà Combinati Transport Services Limited (Reg. Nru. C-19237) vs Is-Soċjetà Superfruits Limited (Reg. Nru. C-37273); Is-Soċjetà VSP Foods Limited (Reg. Nru. C-31960); Saviour sive Salvu Micallef (Karta ta' l-Identità Numru: 0333765M) fl-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m., is-soċjetà rikorrenti talbet; il-konvenuti jew min minnhom għaliex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tlettax-il elf tliet mija u sebgħa u tmenin Lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu Lm13,387.36 (€31,184.16); u

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 30th May 2007, in the records of the Sworn Application number 1085/06 FS, in the names The Company Combinati Transport Services Limited C 19237 vs The Company Superfruits Limited C 37273 et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company Super Fruits Limited, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court , in the names the Company Combinati Transport Services Limited (Reg. Number C-19237) vs The Company Superfruits Limited (Reg. Number C-37273), the Company VSP Foods Limited (Reg. Number C- 31960), Saviour sive Salvu Micallef (Identity Card Number: 0333765M) on the 10th October 2007, at 9.00 a.m., the applicant company prayed; the defendants or either of whom why for the reasons premised, and saving any necessary declaration this Court should not;

1. Decide and declare that the defendants or either of whom are debtors of the plaintiff company in the amount of thirteen thousand three hundred and eighty seven Maltese Liri and thirty six cents Lm13,387.36 (€31,184.16); and

2. Tikkundanna għalhekk lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi s-somma ta' tlettax-il elf tliet mija u sebgħa u tmenin Lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu Lm13,387.36 (€31,184.16) dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tat-trasport tal-kunsinni rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-Xhieda.

Lista tad-Dokumenti.

Notifika Intimati: 1. Suite 2A, 195, Naxxar Road, San Ġwann SGN 08.

Ir-Rikors Numru 1085/2006FS, fl-ismijiet is-Soċjetà Combinati Transport Services Limited C 19237 vs Is-Soċjetà Superfruits Limited C 37273 et, jinsab differit għall-10 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Condemn thus the defendants or either of whom to pay the plaintiffs the sum of thirteen thousand three hundred and eighty seven Maltese Liri and thirty six cents Lm13,387.36 (€31,184.16) due as above stated.

With costs and interest from the date of transport of the relative consignments till the date of effective payment against the defendants, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Notify Respondents: 1. Suite 2A, 195, Naxxar Road, San Ġwannn SGN 08.

The Application Number 1085/2006 FS, in the names The Company Combinati Transport Services Limited C 19237 vs The Company Superfruits Limited C 37273 et, has been put off to the 10th October 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1024

Illi għalkemm is-soċjetà protestata ġiet interpellata diversi drabi, biex tirripristina l-partijiet intiżi għall-użu komuni ta' l-appartamenti fil-korp bl-isem 'Durham Flats' fl-istat u kundizzjoni oriġinali tagħhom hija baqgħet inadempjenti;

Għaldaqstant il-protestanti filwaqt illi jġibu l-fatti premessi a formali konjizzjoni tas-soċjetà protesta u jinterpellawha uffiċjalment sabiex immedjatament tirripristina l-partijiet intiżi għall-użu komuni ta' l-appartamenti fil-korp bl-isem 'Durham Flats' fl-istat u kundizzjoni oriġinali tagħhom, minn issa tqiegħed lis-soċjetà protestata f'dolo, culpa u mora għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Fl-istess waqt ukoll il-protestanti jirriżervaw kull dritt ta' azzjoni spettanti lilhom kontra s-soċjetà protestata.

Bl-ispejjeż.

Protestanti: La Nina, 150, Triq Luigi Billion, Pembroke, STJ 07.

Soċjetà Protestata: Office Suite No. 4, 78, Swieqi Road, Swieqi.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That although the respondent company was called on various times, to restore the parts intended for the common use by the apartments in the block with the name 'Durham Flats, to their original state and condition, they remained in default;

Thus the protesting parties whilst bringing the facts premised to the formal notice of the respondent company and formally calls upon you so that immediately you restore the parts intended for common use of the apartments in the block with the name 'Durham Flats' in their original state and condition, and from now put the respondent company in dolo, culpa and mora for all intents and purposes of law. At the same time the protesting parties reserve any right of action due to them against the responding company.

With costs.

Protesting parties: La Nina, 150, Luigi Billion Street, Pembroke, STJ 07.

Respondent company: Office Suite No. 4, 78, Swieqi Road, Swieqi.

Registry of the Superior Courts, today 23rd July 2007.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1025

Ikun jaf kulhadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Mejju 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 724/06 JRM, fl-ismijiet Cremona Massimo vs Dowling Anthony sive Tony et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Massimo Cremona (ID 333273M) vs Anthony sive Tony Dowling (ID 428059M) u Pauline Dowling (ID 2136A) fis-7 ta' Awissu 2006, ir-rikorrenti talab il-konvenuti jew min minnhom jgħidu għaliex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja;

1. ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti tagħti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' ħamest elef erba' mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu Lm5,454.75 (€31,184.16) dovuta kif fuq intqal.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet mid-data tal-kunsinna sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, inġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Konvenuti: Venus, Flat 1, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Numru 724/2006 JRM, fl-ismijiet Cremona Massimo vs Dowling Anthony sive Tony et, jinsab differit għall-11 ta' Ottubru 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 2nd May 2007, in the records of the Application Number 724/06 JRM, in the names Cremona Massimo vs Dowling Anthony sive Tony et, ordered the following publication for the purpose of service of the defendants, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Massimo Cremona (ID 333273M) vs Anthony sive Tony Dowling (ID 428059M) and Pauline Dowling (ID 2136A) on the 7th August 2007, the applicant asked the defendants or either of whom why for the reasons premised and saving any necessary declaration;

1. This Honourable Court should not deliver judgement and uphold the demand of the plaintiff without proceeding to a hearing of the cause as provided in Articles 167 et sequitur, of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12); and

2. Thus immediately condemn the defendants, to pay the plaintiff the sum of five thousand four hundred fifty four Maltese Liri and seventy five cents Lm5,454.75 (€31,184.16) due as above stated.

With costs and interests from the date of delivery, till the date of effective payment against the defendants, summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Defendants: Venus, Flat 1, San Ġorġ Street, Saint Paul's Bay.

The Application Number 724/2006 JRM, in the names Cremona Massimo vs Dowling Anthony sive Tony et, has been put off to the 11th October 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1026

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Awissu 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Maria Tabone (ID 427251M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fit-30 ta' Marzu 2005 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 2191/98MM) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru 1998, il-konvenuta ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mija u ħdax-il lira Maltija u tnejn u erbgħin ċenteżmu Lm611.42 (€1,424.23), bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuta għadha ma ħallset xejn u b'hekk l-ammont huwa tas-sorte fuq indikat, oltre mija u għaxar liri Maltin u dsatax-il ċenteżmu Lm110.19 (€256.67) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument A kif ukoll tlett mija u erbgħa u ħamsin lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmu Lm354.62 (€826.04) imgħax legali kalkolat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elf u sitta u sebgħin lira Maltija u tlieta u għoxrin ċenteżmu Lm1,076.23 (€2,506.94) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa
Intimati: Maria Tabone, 46/5, Triq Wenzu Dyer, Birgu.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 11th August 2005, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334)

Vs

Maria Tabone (ID427251M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 30th March 2005 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not No. 2191/98MM) decided by the said Court on the 14th December 1998, the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of six hundred and eleven Maltese liri and forty two cents Lm611.42 (€1,424.23), with interest and costs.

The amount is still due by the defendant so the amount due is the sum above mentioned, besides one hundred and ten Maltese liri and nineteen cents Lm110.19 (€256.67) costs and legal fees as per attached bill of costs marked Document A and also three hundred and fifty four Maltese liri and sixty two cents Lm354.62 (€826.04) legal interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of judgement till today, and so the amount due is one thousand and seventy six Maltese liri and twenty three cents Lm1,076.23 (€2,506.94) saving any further interest till the date of effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants togather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap. 12) of the Laws of Malta, prays with respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.
Defendant: Maria Tabone, 46/5, Triq Wenzu Dyer, Birgu.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta

Maġistrat: Dr Michael Mallia

Maltacom plc

Vs

Maria Tabone

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna notifika lill-intimata b'għaxart ijiem żmien għar-risposta.

Illum, 5 ta' April 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the Court of Magistrates Malta

Magistrate: Dr Michael Mallia

Maltacom plc

Vs

Maria Tabone

The Court,

Saw the application,

Orders that the respondent be notified and has to file a reply within ten days.

Today, 5th April 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 23rd July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1027

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-10 ta' Lulju 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Illi permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2007 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-atti tal-kawża 165/07JAB fl-ismijiet John Cassar White (ID0198250M) u Christopher Bell (ID29802A) fejn talbu li jinħatru Kuraturi deputati biex jirrapreżentaw lill-assenti Joseph Calà li jgħix fl-Istati Uniti;

Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors ir-rikorrenti ppreżentaw rikors kontra Joseph Calà fejn qed jintalab il-ħlas ta' danni wara pubblikazzjoni malafamanti ai termini tal-Liġi dwar l-Istampa;

Illi r-rikorrenti talbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taħtar kuraturi sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Joseph Calà fl-atti ta' din il-kawża u fl-atti l-oħra kollha relattivi u sussegwenti.

Notifika: Dr A Cutajar, Qorti, Valletta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 10th July 2007, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application presented on the 5th June 2007 in the Magistrates Court (Malta) in the acts of the claim number 165/07JAB in the names John Cassar White (ID0198250M) and Christopher Bell (ID29802A) where it was asked that deputy curators be selected to represent Joseph Calà who lives in the United States;

Together with this application the applicants presented an application against Joseph Calà whereby payment of damages is being asked following defamatory publication in terms of the Press Law;

The applicants asked this Honorable Court to select Deputy Curators to respresent Joseph Calà in this claim and in all other relative and subsequent acts.

Service: Dr A Cutajar, Law Courts, Valletta.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 23rd July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1028

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-18 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fis-17 ta' April 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Sarah Mizzi (ID18877G) ta' 5, Farrell, Triq Alessandru, iż-Żurrieq, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u erbgħa disgħin lira Maltija u sitt ċenteżmi Lm194.06 (€452.04) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (343/07GM) hija differita għall-1 ta' Ottubru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 18th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 17th April 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Sarah Mizzi (ID18877G) of 5, Farrell, Triq Alessandru, Żurrieq, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninty four Maltese liri and six cents Lm194.06 (€452.04) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 343/07GM) is put off on the 1st October 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 23rd July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1029

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Daddy Augustine Okeke (ID 25532A) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 301/07 NC) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID tal-minuri Lucas Ben Salem Bartolo numru 2149/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu nteress u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 23 ta' Lulju 2007.

MARIO DEBONO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Daddy Augustine Okeke (ID 25532A) filed an application under oath (No. 301/07 NC) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH of the minor Lucas Ben Salem Bartolo number 2149/2006 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today, 23rd July 2007.

MARIO DEBONO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1030

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Mejju 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1176/07, fl-ismijiet Ventur Motor Centre Co Ltd (C 29117) vs Gordon Callus (ID 9940643M) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 7th May 2007, in the records of the judicial letter number 1176/07, in the names Ventur Motor Centre Co Ltd (C 29117) vs Gordon Callus (ID 9940643M) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Frar 2007, lil: Gordon Callus (ID 9940643M) Fleur Rouge, St. Peter Street, Kirkop, Ventur Motor Centre Co. Ltd (C 29117) ta' 77, Thomas Dingli Street, Mosta, qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tal-preżenti att ġudizzjarju tħallas is-somma ta' elf tliet mija u għoxrin lira Maltin Lm1,320 (€3,074.77) import ta' tnax (12) il-kambjala minnek iffirmati u aċċettati, liema kambjali mmaturaw kull xahar fil-perjodu bejn it-13 ta' Awissu 2005 sat 13 ta' Ġunju 2006.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) on the 27th February 2007, against Gordon Callus (ID 9940643M) Fleur Rouge, St. Peter Street, Kirkop, Ventur Motor Centre Co Ltd (C 29117) of 77, Thomas Dingli Street, Mosta, is calling upon you so that within two days from the date of the present judicial act you pay the sum of one thousand three hundred and twenty Maltese Liri Lm1,320 (€3,074.77) value of twelve (12) bills of exchange accepted and signed by you, which bills of exchange matured each month during the period the 13th August 2005 to the 13th June 2006.

Bil-preżenti qed tiġi avżat ukoll illi oltre l-ammont hawn fuq indikat, għandek tħallas ukoll l-imgħax leġali li bdew jiddekorru mid-data meta mmaturaw dawn il-kambjali, u li jibqgħu hekk jakkumulaw sad-data tal-ħlas effettiv.

By the present you are also being warned that besides the sum above indicated, you are also to pay the legal interests which started to run from the date that these bills of exchange matured, and which shall so accumulate till the date of effective payment.

Permezz tal-preżenti, s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat ai termini tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By the present, the interpellant company is rendering executable the executive title hereunder indicated in terms of Article 253(e) Chapter 12 of the Laws of Malta.

Fin-nuqqas li jiġi effettwat il-ħlas fiż-żmien stipulat, is-soċjetà mittenti ser tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħha ai termini tal-Artikolu 256 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

If payment is not made within the time stipulated, the interpellant company shall pass to execute its executive title in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

Bl-ispejjeż.

With costs.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 23rd July 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1031

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1038/07 fl-ismijiet Pollo d'Oro Limited (C-5770) vs Pirella Supermarkets Limited,ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 20th June 2007, in the records of the judicial letter number 1038/07 in the names Pollo d'Oro Limited (C 5770) vs Pirella Supermarkets Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-21 ta' Frar 2007, lil-Pirellla Supermarkets Limited - Pirella Supermarket, Triq Bajada, Żabbar, Pollo

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 21st February 2007, against Pirella Supermarkets Limited - Pirella Supermarket, Bajada

d'Oro Limited (C-5770) ta' c/o 56, Melita Street, Valletta, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallasha tlett elef, mija u żewġ liri Maltin u sbatax-il ċenteżmu Lm3,102.17 (€7,226.11) rappreżentanti ammont bilanċjali lilha dovut għall-merkanzija lilek mibjugħa u kkonsenjata.

Fin-nuqqas il-mittenti ser tipproċedi ulterjorment.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat inter alia ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax leġali.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Street, Żabbar, Pollo d' Oro Limited (C-5770) of c/o 56, Melita Street, Valletta, calls upon you so that within two days you pay the sum of three thousand one hundred and two Maltese Liri and seventeen cents Lm3,102.17 (€7,226.11) representing balance due for merchandise sold and delivered to you.

Failing which the interpellant shall proceed further.

This judicial letter is being inter alia in terms of Article 2128 of the Civil Code.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 23rd July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1032

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Mejju 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru1447/07 fl-ismijiet Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa vs CTB Ltd , ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-13 ta' Marzu 2007, lil CTB Ltd (C 20201) ta' 18, Triq il-Ħarrub, Marsascala, id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa jinterpellak ai fini u effetti ta' l-Att tal-1997, dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' sitt mija, wiehed u għoxrin Liri Maltin u disgħa u ħamsin ċenteżmu Lm621.59 (€1,447.92) bħala Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa.

Intom inoltre avżati li fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ulterjuri kontrikhom, inklużi l-ħruġ ta' mandati opportuni skond il-liġi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax leġali sad-data tal-pagament effettiv.

Tant sabiex tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 9th May 2007, in the records of the judicial letter number 1447/07 in the names Director of Customs and Excise vs CTB Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 13th March 2007, against CTB Ltd (C 20201) of 18, Ħarrub Street, Marsascala, the Director of Customs and Excise, calls upon you for the purposes and effects of the Act of the 1997, regarding Customs and Excise, so that within two days you pay the sum of six hundred and twenty one Maltese Liri and fifty nine cents Lm621.59 (€1,447.92) as Customs and Excise Tax.

You are further advised that if you fail further procedures will be taken against you, including the issue of the opportune warrants according to law.

With costs and legal interest till the date of effective payment.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 23rd July 2007,

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1033

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tat-2 ta' Lulju 2007 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Angelo Scicluna, fit-28 ta' Ġunju 2007, qed jintalab li jiġi awtorizzat biex jirtira ċavetta tal-fond 2, Triq il-Fortizza, ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar, depożitata b'ċedola numru 669/2006 mill-Marixxall Joseph Azzopardi u li jappartjenu lil Joseph Previ.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-23 ta' Lulju 2007.

CLAIRE SEVASTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 2nd July 2007 given by the Magistrates Court (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by an application filed by Angelo Scicluna on the 28th June 2007 is asking for the authorization for the withdrawal Keys for garage number 2, Triq il-Fortizza, Xgħajra, Żabbar, deposited by Schedule of Deposit number 669/2006 by Court Marshall Joseph Azzopardi and appertaining to Joseph Previ.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today the 23rd July 2007.

CLAIRE SEVASTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1034

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Chefs Choice Limited (C14656) ta' Chef Choice Building, Latmija Road, Żabbar, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Marzu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Joseph Deguara f'ismu proprio u għan-nom ta' Jack Frozen Foods Manufacturing Co Ltd ta' 125, Valley Road, Msida, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u ħamsa u sittin lira Maltija u tmienja u sittin ċenteżmu Lm865.68 (€2,016.49) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (272/07GM) hija differita għall-24 ta' Settembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Chefs Choice Limited (C14656) of Chef Choice Building, Latmija Road, Żabbar filed a Claim on the 16th March 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Joseph Deguara in his own name and for and on behalf of Jack Frost Frozen Foods Manufacturing Co Ltd of 125, Valley Road, Msida, to pay the plaintiff company the sum of eight hundred and sixty five Maltese liri and sixty eight cents Lm865.68 (€2,016.49) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 272/07GM) is put off on the 24th September 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 23rd July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00 (€4.66)
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50 (€3.49)
Geological Maps of Malta	Lm 7.00 (€16.31)
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00 (€11.65)
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00 (€23.29)
Il-Bennej	Lm 3.50 (€8.15)
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00 (€4.66)
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00 (€2.33)
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00 (€2.33)
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00 (€2.33)
Overview of the History & Development of the Public Works Department in the Maltese Islands	Lm 5.00 (€11.65)
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00 (€4.66)

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

A Window on the World of Work	Lm 2.00 (€4.66)
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00 (€6.99)
Children	Lm 3.00 (€6.99)
Culture Statistics 2004	Lm 2.00 (€4.66)
Demographic Review 2005	Lm 3.00 (€6.99)
Education Statistics 2004 (CD)	Lm 4.50 (€10.48)
Environment Statistics 2006	Lm 5.00 (€11.65)
Household Budgetary Survey	Lm 8.00 (€18.63)
Malta in Figures 2005	Lm 2.00 (€4.66)
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD)	Lm 4.50 (€10.48)
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00 (€9.32)
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00 (€4.66)
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00 (€6.99)
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00 (€4.66)
Trade Statistics 200 (CD)	Lm 5.00 (€11.65)
Transport Statistics 2005 (CD)	Lm 2.00 (€4.66)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00 (€13.98)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	Lm 5.00 (€11.65)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00 (€6.99)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00 (€2.33)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00 (€2.33)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80 (€4.19)
Diskors tal-*Budget* 2007	Lm 1.00 (€2.33)
Economic Bulletin – September 2006	Lm 2.00 (€4.66)
Economic Survey 2006	Lm 2.00 (€4.66)
Electoral Register, April 2007	Lm10.40 (€24.23)
Electoral Register, Local Councils, April 2007	Lm40.00 (€93.17)
Estimates 2007	Lm 2.00 (€4.66)
Financial Report 2005	Lm 3.00 (€6.99)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	Lm 0.50 (€1.16)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	Lm 1.00 (€2.33)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00 (€2.33)
Legal Notices and Bye-Laws 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00 (€13.98)
Malta's Parliament – An Official History	Lm18.00 (€41.93)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	Lm 1.75 (€4.08)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00 (€2.33)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	Lm 0.25 (€0.58)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75 (€4.08)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00 (€4.66)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	Lm 1.50 (€3.49)
Portfolio Assessments	Lm 4.00 (€9.32)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00 (€16.31)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50 (€3.49)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	Lm 1.00 (€2.33)
The Press Act	Lm 0.50 (€1.16)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00 (€6.99)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	Lm 2.00 (€4.66)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*